

Brussell, 8 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9160/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0141(NLE)

AVIATION 103
RELEX 571
MA 2

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Mejju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 238 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 238 final.

Mehmuż: COM(2023) 238 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.5.2023
COM(2023) 238 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, ġie nnegożjat abbażi ta' awtorizzazzjoni għal negożjati li nġhatat mill-Kunsill fil-5 ta' Diċembru 2004; il-Ftehim ġie ffirmat fit-12 ta' Diċembru 2006.

Ir-Repubblika tal-Kroazja daħlet fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013. F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni, il-Kroazja impenjat ruħha li taderixxi mal-ftehimiet konklużi jew iffirmati mill-Istati Membri u l-Unjoni ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjoni internazzjonali, fosthom il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni mal-Marokk.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) imsemmi hawn fuq, "l-adeżjoni tal-Kroazja ma' dawn il-ftehimiet għandha tiġi maqbulha bil-konklużjoni ta' protokoll għal tali ftehimiet bejn il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu f'isem l-Istati Membri, u l-pajjiż jew pajjiżi terzi jew l-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernati. Il-Kummissjoni [...] għandha tinnegozja dawn il-protokoll f'isem l-Istati Membri [...]".

Il-Kummissjoni nnegożjat il-Protokoll li jemenda il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra.

Il-Protokoll jipprevedi l-adattamenti lingwistiċi li jenħtieġ li jsiru fil-Ftehim minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja.

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tinkiseb deċiżjoni tal-Kunsill, abbażi tal-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni, li tawtorizza l-iffirmar tal-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu mill-Unjoni u mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar tard.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll jissupplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea. Dan il-Protokoll jippermetti lill-Kroazja tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

Il-Ftehim mal-Marokk kien l-ewwel ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru li ġie ffirmat ma' sieħeb tal-Unjoni mhux Ewropew. Dan il-Ftehim huwa komponent importanti tal-politika esterna tal-Unjoni dwar l-avjazzjoni u jiffirma parti minn għadd ta' ftehimiet Ewro-Mediterranji dwar is-servizzi tal-ajru, li l-Unjoni sadanittant iffirma ukoll mal-Iżrael u mal-Ġordan. Il-Ftehim tal-Avjazzjoni mal-Marokk iippermetta li tiġi kważi ttriplikata l-konnettività, f'termini assoluti, bejn dan il-pajjiż u l-Unjoni. Dan il-Protokoll se jippermetti lill-Kroazja tgawdi dawn il-benefiċċji bħalma jagħmlu bħalissa l-Istati Membri l-oħra.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Protokoll jemenda ftehim bejn l-Unjoni Ewropea (u l-Istati Membri tagħha) u pajjiż terz. Għalhekk, għandu jiġi ffirmat fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Din hija l-proċedura standard għar-reġistrazzjoni tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid għal ftehim konkluż mill-Unjoni (u l-Istati Membri tagħha). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll huwa strettament limitat għall-kwistjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim dwar l-avjazzjoni mal-Marokk.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim internazzjonali.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra.

L-Artikolu 1 jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

L-Artikolu 2 jispeċifika l-proċedura għall-ħatra tal-persuna awtorizzata biex tiffirma jew tal-persuni awtorizzati biex jiffirmaw il-Ftehim.

L-Artikolu 3 jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (il-“Protokoll”), u b'hekk tiġi żgurata l-estensjoni tal-Ftehim imsemmi hawn fuq għar-Repubblika tal-Kroazja.
- (2) In-neozjati dwar il-Protokoll ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ġie inizjalat miż-żewġ partijiet fit-23 ta' Diċembru 2022.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tiegħu, jenħtieġ li l-Protokoll japplika b'mod provviżorju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (il-“Protokoll”), huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ li jawtorizza lill-persuna jew lill-persuni indikati mill-Kummissjoni biex jiffirmaw il-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Skont l-Artikolu 4(2) tiegħu, il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu mill-partijiet.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*